TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/2/16/S

Anna Sciberras Trigona
Vs
Travel Smart Limited

Illum 14 ta'Lulju,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Anna Sciberras Trigona pprezentata fil-5 ta'Jannar,2016 u r-risposta tas-socjeta Travel Smart Limited ipprezentata fit-3 ta'Marzu,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet, kif ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-5 ta'Mejju,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda allegati danni kawzati fuq vettura mikrija fejn ir-rikorrenti insistiet li meta rritornat il-vettura ma kienx hemm grif filwaqt li s-socjeta intimata stqarret mod iehor;

Illi jidher li dan in-nuqqas ta' qbil gie fis-sehh ghax meta r-rikorrenti rritornat il-vettura fl-ajruport ta'Malta, ma kien hemm hadd biex jispezzjonaha;

Illi fil-fatt ir-rikorrenti xehdet hekk: *"…meta jiena ittirornajt il-vettura mikrija ma kien hemm hadd mis-socjeta intimata li seta' jiehu pussess tal-vettura u jara l-istat li fih irritornajtha…nghid illi la fil-carpark u lanqas fid-desk gewwa l-airport ma kien hemm 'rapprezentant ta' Travel Smart Malta. Jiena anki dhalt l-airport biex naghti c-cwievet pero ma kien hemm hadd u kelli inhalliha f'letterbox appozita…."*;[1]

Illi min-naha l-ohra, ir-rapprezentant tas-socjeta intimata Godfrey Casha kkonferma li ma jkun hemm hadd biex jispezzjona l-vetturi li jigu ritornati fl-ajruport u li l-vetturi ritornati jittiehdu f'garaxx tas-socjeta intimata f'Hal-Luqa;[2]

Illi jinghad mal-ewwel li dan it-Tribunal hu tal-fehma li fin-nuqqas ta'ezami mal-ewwel hekk kif vettura tigi ritornata u dan, fil-prezenza tal-konsumatur, ikun difficli biex b'certezza jigi stabbilit ir-responsabilita tal-girfa in kwistjoni;

Illi mhux hekk biss izda r-rikorrenti kellha tigi mgharrfa mal-ewwel, kemm b'dak li nstab fuq il-bumper kif ukoll li se tigi addebitata bl-ammont in kwistjoni;
Illi fin-nuqqas li kien hemm persuna meta giet ritornata l-vettura, il-hsara setghet saret waqt li kienet ghand ir-rikorrenti jew kif qed tallega l-istess rikorrenti, waqt li l-vettura ttiehdet fil-garaxx f'Hal-Luqa;

Illi mill-provi li tressqu, it-Tribunal mhuwiex konvint li t-tehid tal-ammont ta' €240.80 daparti tas-socjeta intimata mill-kont tar-rikorrenti, kien

[1] Xhieda moghtija fis-seduta tal-5 ta'Mejju,2016.
[2] Ibid.

gustifikat izda jhoss li fic-cirkostanzi tal-kaz, din is-somma ghandha tigi ritornata mis-socjeta intimata lir-rikorrenti;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Anna Sciberras Trigona filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Travel Smart Limited u Jordna lis-socjeta Travel Smart Limited biex tirrifondi lura lil Anna Sciberras Trigona s-somma ta' €240.80, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru